**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Cedric Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 270/14**

**Illum, 20 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Cedric Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 543489M akkuzat talli nhar il-15 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (11:30pm) gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alfred Bartolo f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tieghu hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Carlo Refalo M.D. bin-numru tar-registru mediku 3235 mill-Isptar Mater Dei; bi ksur tal-Art. 216(1)(a.1)(d), 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Hebb ghal Luke Bartolo u volontarjament ikkagunalu feriti ta' natura hafifa bi Ksur ta Art 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) kiser volontarjament il-bon ordni u kwiet tal-Publiku bi ksur tal-art 339(e) tal-Kap 9

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 214, 215, 218(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ċ. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 17, 31, 49 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' f'parkegg ta' lukanda bejn diversi nies fejn certu Alfred Bartolo spicca sofra feriti gravi mentri certu Luke Bartolo spicca sofra griehi hfief. L-imputat dakinhar kien *on duty* fejn kien qed jahdem bhala *security officer.*

Xehed **Joseph Darmanin** li qal li jahdem bhala *security* gewwa Radisson ta' San Giljan fejn dakinhar tal-15 ta' Marzu kien xoghol flimkien mal-imputat li gharaf fl-awla. Qal li hu u l-imputat bdew fis-7 ta' filghaxija u kienu hdejn il-*barriers* fl-entratura u dakinhar kien hemm attivita` politika fil-lukanda. Qal li kien hemm xi lmenti dakinhar fejn in-nies ma kinux jafu li kellhom ihallsu ghall-parkegg. Kompla jghid li gie vann tat-tip Toyota *pickup* hdejn il-*barrier* fejn ma kellux biljett imhallas u allura ma setax johrog. Qal li l-persuna li kien qed isuq qalilhom biex jifthulu ghax ried jitlaq minn hemm. Ix-xhud qal li kien spjega li biex johrog bilfors kellu jmur ihallas ghaliex ma setax jiftah il-*barrier* manwalment. Qal li s-sewwieq baqa' ma ccaqlaqx u beda jitkellem hazin u peress li x-xhud ra li ma kienx ser jasal mieghu huwa qal lid-*duty manager* (Dorianne Formosa) fuq ir-radio biex iccempel lill-Pulizija. Qal li s-sewwieq tat-Toyota holoq paniku ghaliex ma riedx jiccaqlaq min-nofs biex ihalli l-karozzi ta' warajh jghaddu u ma riedx imur ihallas il-biljett. Gara li mill-karozza li kienet wara t-Toyota (karozza sewda) hargu tnejn min-nies fejn qalu lis-sewwieq tat-Toyota li ghandhom ix-xoghol u li riedu johorgu mill-parkegg u l-istorja eskalat. Spjega li mbaghad hargu n-nies kollha li kienu fit-Toyota li kienu tlieta b'kollox u allura kien hemm hames persuni barra fit-triq b'kollox li kienu

qed ihebbu ghal xulxin. Ix-xhud spjega li hu u l-imputat bdew jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni fejn dahlu fin-nofs mhux biex jiggieldu izda biex iwaqqfu l-glied izda ma setghux ilahhqu ma' hames persuni. Qal li Cedric Attard kien qed jaghmel ezattament bhalu u cioe` jipprova jikkalma s-sitwazzjoni fejn kien qed jidhol fin-nofs biex ma jhallix parti tersaq lejn parti ohra. Qal ukoll li f'hin minnhom in-nies tat-Toyota *pickup* bdew ituh, fejn kienu tnejn flimkien qed ituh fl-istess hin. F'salt wiehed qal li "*giet daqqa ta' ponn mill-genb, wisq probabbli minn wara, tajjeb, illi hasditna kollha kemm ahna.*" Din id-daqqa laqtet persuna ohra li jirreferi ghalih bhala l-persuna tan-nofs. Ix-xhud qal li m'ghandux ideja min seta' taha din id-daqqa ta' ponn ghaliex huwa kien mohhu fiz-zewg persuni li kellu quddiemu. Huwa kompla spjega li n-nies tal-karozza s-sewda kienu x'imkien warajh. Qal li l-persuna li qala' d-daqqa ta' ponn waqa' mal-art bid-daqqa u x'hin ix-xhud qam mill-art rah b'wiccu l'isfel mal-art kif sabuh l-ambulanza. Qal li iktar ma beda jghaddi l-hin iktar kien hiereg demm minn tahtu. Huwa qal li d-daqqa ta' ponn giet mill-genb u giet ezatt fuq ir-ras ta' dik il-persuna. Qal li b'rizultat ta' din id-daqqa t-tlieta li huma waqghu mal-art izda meta qam ra li l-persuna li qalghet id-daqqa baqa' mal-art. Ix-xhud qal li hemm CCTV *footage* fuq il-*barriers*.

In kontro-ezami x-xhud iddentifika lill-parte civile Alfred Bartolo bhala s-sewwieq tal-*pickup*. Huwa qal li l-persuni li kienu fil-*pickup* bdew jghidu kliem ta' theddid u kien hemm dagha wkoll. Huwa qal li n-nies li hargu mill-karozza s-sewda ma kienx jafhom. Qal li x'hin cempel lid-*duty manager* ghall-ghajnuna tal-Pulizija Cedric Attard kien hdejh. Qal ukoll li s-sewwieq tal-*pickup* f'hin minnhom kien qieghed mal-art u kien qed jaqla' daqqiet ta' sieq minghand wiehed miz-zewg persuni li hargu mill-karozza s-sewda. Qal li hu u Cedric dahlu f'dak il-hin meta l-persuni kienu qed jiggieldu glied bis-sieq u bil-ponn. Huwa qal li z-zewg persuni li gew fuqu spiccaw sawtuh fuq wiccu, fuq ghonqu u x'hin giet din id-daqqa ta' ponn it-tlieta li huma spiccaw mal-art. Mistoqsi x'sar minnhom in-nies tal-karozza s-sewda qal li wiehed minnhom dahal fil-*pickup* tal-ohrajn u saqu min-nofs halli jkun jista' johrog u l-iehor kien fil-karozza jistennih u meta dahal l-iehor li nehha l-*pickup* min-nofs saqu 'l hemm. Wara ftit li telqu dawk tal-karozza s-sewda waslu l-Pulizija.

Xehed l-**Ispettur Daryl Borg** li qal li fil-lejl bejn il-15 u 16 ta' Marzu 2014 gie infurmat li certu Alfred Bartolo dahal l-Isptar stante li kien qed isofri minn griehi gravi wara li nqala' argument

fil-parkegg tal-lukanda Radisson Blue. Qal li huwa kien mar fuq il-post fejn tkellem mal-imputat li qal li l-kollega tieghu Joseph Darmanin kien ghadu kif telaq peress li kien spicca mix-xoghol. L-Ispettur spjega dak li qallu l-imputat u cioe` li kien xoghol dak il-lejl bhala *security* mal-*barrier* meta waqfet Toyota (DAU 551) li kien fiha tliet persuni -Alfred Bartolo, ibnu Luke Bartolo u certu Andrew Bartolo li jigi hu l-vittma. Spjega kif ma riedux ihallsu l-biljett u baqghu fin-nofs meta marru hdejhom zewg persuni ohra li kienu fil-karozza warajhom fejn skambjaw xi kliem u nqala' argument. Qal li hu u Joseph Darmanin bdew jippruvaw iferquhom u "*dak il-hin qalilna li Alfred Bartolo ma jafx kif kien spicca ma' l-art ferut.*" Dakinhar stess l-Ispettur jghid li ha l-istqarrija tal-imputat (fol. 15 tal-process) fejn l-imputat kien iffirma d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd tal-parir legali (Dok. SB4 a fol. 14 tal-process). Skont l-Ispettur waqt l-istqarrija l-imputat ammetta li kien ta daqqa ta' ponn lill-vittma Alfred Bartolo fejn spicca mitluf minn sensieh.

In kontro-ezami l-Ispettur Borg qal li huwa ra l-*footage* fejn jidher li l-imputat kien qed jipprova jferraq lin-nies li kienu qed jiggieldu. Pero` qal li meta kienu qed ihebbu ghal xulxin hargu mill-vizwali tal-*camera*. Meta gie mistoqsi jekk l-imputat qallu li

hu ta d-daqqa ta' ponn ghaliex Bartolo kienu qed isawtu lil Darmanin qal li iva fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li Alfred u Luke Bartolo kienu qed ihebbu ghal Joseph Darmanin u mar biex jiddefendih. Qal ukoll li kien ivverifika dan ma' Joseph Darmanin fejn qal li verament kienu qed ihebbu ghalih. Ix-xhud qal li kemm Cedric Attard u kif ukoll Joseph Darmanin kellhom griehi hfief. Qal ukoll li skont l-imputat huwa ta daqqa wahda lil Bartolo. Joseph Darmanin ukoll tkellem mieghu fuq daqqa ta' ponn wahda.

Xehed il-parte civile **Alfred Bartolo** li qal li meta wasal ghall-*barrier* biex johrog mill-parkegg ta lis-*security* biljett hazin fejn is-*security* qallu: "*hawn biex gej biex indahqu.*" Qal li huwa kien qed isuq vann *pickup* kulur blu u mieghu kellu ibnu (Luke Bartolo) u huh (Andrew Bartolo) li huwa anzjan. Qal li s-*security* kien arroganti mieghu u qallu biex imur ihallas u taptaplu mal-vann. Skont il-parte civile "*kif inzilt biex inkellmu naqla' daqqa sewwa u x'gara izjed ma nafx, l-ghada sirt naf. … Kif ha nkellmu fraction ta' sekonda qlajt daqqa…. Sakemm ha nfehmu biex nikkalmah ghax kien naqra rrabjat, sakemm hrigt biex nikkalmah bum naqla' daqqa u ma nafx x'gara izjed.*" Wara kumment tal-Qorti li hadd ma jaghti daqqiet ghal xejn b'xejn ix-xhud irrisponda billi qal: "*Ghalhekk skantat hu.*" Ix-xhud qal li ma jafx fejn kien is-

*security* l-iehor. Il-Qorti tinnota li meta gie mistoqsi jekk jaghrafx lis-*security* dwar min kien qed jitkellem jghid is-segwenti: "*Iva kien hawn, hawn qieghed nahseb*."

In kontro-ezami l-parte civile qal li ma kienx xurban u li x-xorb ma jghoddx ghalih. Qal ukoll li ma zammx il-hin u allura ma jafx kemm dam izomm it-traffiku. Ix-xhud ma seta' jiftakar xejn mid-dettalji li staqsa l-avukat difensur u fil-fatt qal li ma jiftakarx jekk il-karozzi ta' warajh kienu qed ipaqpulu, ma ftakarx kemm dam jostakola l-*exit* u lanqas ma jiftakar jekk hargux xi nies biex jghidulu sabiex jiccaqlaq. Mistoqsi jekk kellux argument ma' xi nies hemmhekk qal: "*sa fejn naf jien le*." Bil-gurament tieghu qal li huwa kien hdejn il-karozza meta qala' d-daqqa ta' ponn u li Cedric tahielu ghal xejn b'xejn: *"Iva mhux hekk"*. Hawnhekk id-difiza talbet sabiex jittiehdu passi kontra Alfred Bartolo ghal gurament falz.

Xehed ukoll **Andrew Bartolo** li qal li jigi hu Alfred Bartolo. Huwa spjega li wara l-avviment fil-lukanda taw il-biljett lis-*security* biex johorgu mill-parkegg fejn dan qal lil huh biex imur ihallas. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala s-*security* li qal lil huh biex imur ihallas. Kompla jghid li meta raw li ma riedux ihallsu bdew

jaghfsu fuqhom. Huwa mbaghad jghid li kienu tnejn *securities* fejn qal li bdew itaptpu fuq is-saqaf tal-vann ta' huh. Qal li l-imputat beda jtaptap fuq il-vann biex imorru lura. Qal li l-atteggjament tas-*securities* kien wiehed aggressiv: *"… ahna hrigna biex nikkalmawhom, … jiena mort biex nohrog minn naha l-ohra mbaghad naqla' daqqa ta' ponn u stabatt.*" Huwa spjega li l-ewwel hareg huh, imbaghad it-tifel tieghu u sadanittant hareg hu wkoll. *"… jiena ghamilt replacement ta' l-irkoppa u .. sakemm mort biex nohrog naqla' daqqa ta' ponn hawnhekk u stabatt.*" Qal li ma jafx min tahielu d-daqqa ta' ponn. Huwa qal li huh kien hdejn is-*securities* mentri huwa x'hin qam ra aggressur u kien hemm wiehed qed izommu. Mistoqsi jekk kienx hemm persuni ohra apparti Alfred Bartolo, it-tifel tieghu u s-*securities* qal li hekk jahseb. Huwa qal li huh spicca mal-art izda ma rax x'gara peress li meta hareg mill-vann kien b'daru lejhom. Qal li jahseb li huh spicca mal-art qabel ma qala' d-daqqa ta' ponn ghaliex meta warbu l-aggressur tieghu dar biex imur hdejh huh biex ikompli jikkalma s-sitwazzjoni u sab lil Alfred u lil Luke Bartolo minxurin fl-art. Skont ix-xhud anki t-tifel ta' huh kien mitluf minn sensih. Huwa qal li ma rax min tahielhom id-daqqa. Qal li lil Luke Barotlo tah daqtejn fuq wiccu u gie f'sensieh mentri ma ssugrax imiss lil huh peress li kien f'ghadira demm. Hdejn Alfred u Luke Bartolo

qal li ma kien hemm hadd u fil-fatt beda ghajjat ghall-ajjut. Qal li ma rax lis-*securities* u fil-fatt ma ra lil hadd pero` beda jghajjat sabiex icemplu l-ambulanza u xi ghoxrin minuta wara giet l-ambulanza. F'dawk l-ghoxin minuta qal li ma kien hemm hadd hlief hu, Luke u Alfred Bartolo. Qal li n-nies "*qishom sparixxew*". Fuq domanda jekk kinux xorbu dakinhar qal: "*xrobna hadna zewg drinks hu.*" Imbaghad jghid li huwa u t-tifel xorbu mentri huh ma xorobx ghax diabetiku. Mistoqsi dwar l-attitudni ta' huh u l-attitudni tas-*security* ix-xhud qal hekk: "*Alfred sa x'hin sabtulu fuq il-van ghax dak pitma ghall-ingenji izommhom hekk, hareg biex jikkalmahom u jiena wkoll hu, ahna gejna ghall-attivita` ha jkollna xi nghidu jew fhimt, hrigna biex nikkalmaw is-sitwazzjoni hu, mela ahna nies ta' dawn l-affarijiet.*"

Xehed **PS 848 Lawrence Gabriel** li qal li kien mar l-Isptar fejn ha l-verzjoni ta' Andrew Bartolo gewwa l-Isptar fejn kien qallu li kien hemm argument bejn il-karozza s-sewda, s-*security guards* u huma t-tlieta. Qal li l-ewwel tal-*pickup* kellhom argument mas-*security guards* imbaghad mal-karozza ta' warajhom. Mistoqsi min kienu tal-karozza ta' warajhom ix-xhud qal: "*Hadd ma kien jaf.*" Qal ukoll li jaf biss li kienet karozza sewda u kien hemm

zewg persuni fiha. Qal li tkellem ukoll mal-imputat li kellu l-flokk imqatta'.

In kontro-ezami x-xhud qal li huwa mela l-PIRS report a fol. 7 tal-process pero` mhux kollu. Qal li mela biss sa pagna 6. Huwa qal li minghalih li ha l-istqarrija ta' Andrew Bartolo biss pero` jghid li ha l-verzjoni ta' Luke Bartolo li qal li kien fil-vettura meta waqfuhom is-*security guards*. Luke Bartolo qallu wkoll li "*kien hemm zewg (2) persuni ohra li qatt ma kien rahom qabel.*" Luke qallu li waqt li *"kienu barra l-vettura ma' dawn is-securities gew persuni ohra.*"

Xehed l-**Ispettur Saviour Baldacchino** li qal li kien baghat ghall-imputat biex jehodlu stqarrija ta' xhud. Qal li l-verzjoni ta' Joseph Darmanin kienet ftit differentl minn dik tal-imputat u gieh suspett li Cedric Attard seta' kellu xi involviment. Ix-xhud esebixxa CD li gie mmarkat bhala Dok. SB7 li jinsab a fol. 85 tal-process li jikkonsisti fil-*footage* ta' dak li gara. Ix-xhud qal li mill-*footage* jidher li t-Toyota baqghet hemm fin-nofs u kkawzat kju kbir fejn wara certu ammont ta' hin inqala' argument bejn il-vettura koncernata u vettura ohra li ma kinitx tidher fil-*camera* pero` li kienet qed tistenna fil-kju wara Bartolo. Ix-xhud qal li

tkellem ukoll mas-sinjuri Bartolo fejn Alfred Bartolo qallu li kellu argument mas-*security guards*. Ix-xhud qal li pprova jindika lil Alfred Bartolo li mill-*footage* l-argument deher li ma kienx mas-*security guards* izda ma' xi nies li kienu qed jistennew fil-kju ta' warajhom. Minkejja dan Bartolo baqa' jinsisti max-xhud li s-*security guards* ghamlulu l-hsara. Ix-xhud qal li ra li xi haga kienet stramba u saru jafu min kienu dawn iz-zewg persuni - John Refalo u Matthew Castillo. Huwa baghat ghalihom u hadilhom stqarrija fejn id-deskrizzjoni li taw kienet taqbel hafna ma' dak li qal Joseph Darmanin. L-impuat sussegwentmeent tressaq quddiem il-Qorti.

Ix-xhud qal li kien ha l-i*statement* tal-imputat (esebit bhala Dok. SB5 a fol. 15 tal-process) fejn l-imputat iffirma dikjarazzjoni li ma xtaqx jikkonsulta ma' avukat (Dok. SB4 fol. 14). Ix-xhud qal li l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu li hass il-htiega li jiddefendi lill-kollega tieghu u ghalhekk ta daqqa ta' ponn wahda lil tnejn min-nies. Ix-xhud qal li fis-CCTV *footage* jidhru s-*security guards* li qed jipprovaw iwaqqfuhom milli jkomplu jiggieldu. Ix-xhud kompla jghid li x'hin is-sur Darmanin kien minn taht is-Sur Attard "*qabez ghal siehbu anke ghaliex l-ohrajn li huma s-sur*

*Refalo u s-sur Castillo hemmhekk kienu diga` kkalmaw, allura hass illi kellu jaqbez ghal siehbu …".*

In kontro-ezami x-xhud qal li huwa minnu li t-tentattiv biex jipperswadihom biex ihallsu u jersqu mal-genb dam ghaddej hafna u kkonferma wkoll li waqt dan il-kaos shih hargu xi nies li huwa qal li huma Refalo u Castillo u bdew jargumentaw ma' Bartolo fejn jidher li hargu s-Sinjuri Bartolo u minn hemmhekk bdiet il-glieda bejn Bartolo u z-zewg persuni l-ohra li wiehed minnhom kien *deejay*. Ikkonferma wkoll li kien f'dak il-waqt meta s-Sinjuri Bartolo u t-tnejn l-ohra kienu qed jaghtu bil-ponn li intervjenew is-*security guards* biex jippruvaw iwaqqfuhom milli jkomplu jiggieldu. Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-*security guards* kienu qed jaghmlu xoghlhom. Huwa qal li ta' Bartolo bdew jaghtu bil-ponn lis-*security guard* li kien qed jipprova jzommhom milli jiggieldu ma' ta' Refalo. Ikkonferma wkoll dak issuggerit mid-difiza illi l-imputat intervjena meta ra lil Joseph Darmanin jaqla' swat minghand it-tliet persuni ta' Bartolo u intervejna biex ipprova jwaqqaf lil ta' Bartolo milli jkomplu jsawtu lis-*security* Joseph Darmanin.

Illi fl-istqarrija tieghu (Dok. SB5 a fol. 15) l-imputat **Cedric Attard** qal li x-xufier tat-Toyota ma riedx ihallas il-biljett u beda jghidlu biex jiftah il-*barrier* ghax ser jibda jkisser. Qal li nduna li x-xufier kien xurban ghax beda jehhilu lsienu u beda jixxengel bilqeghda. Ix-xufier beda joffendi lill-imputat u lill-kollega tieghu. F’hin minnhom bdiet glieda bejn it-tliet persuni tal-*pickup* u zewg persuni tal-karozza ta’ warajhom. Huwa u l-kollega tieghu bdew jaghmlu l-almu taghhom biex izommu l-partijiet ’l boghod minn xulxin. Huwa beda jzomm in-nies tal-karozza s-sewda mentri l-kollega tieghu beda jzomm lil dawk tal-*pickup*. F’hin minnhom hares lejn il-kollega tieghu u rah jaqla’ daqqa bil-ponn u jaqa’ mal-art. Qal li dak il-hin mar jaghtihom daqqa ta’ ponn kull wiehed u dak il-hin stess waqfet il-glieda ghaliex ix-xufier tal-*pickup* u z-zghir waqghu mal-art. Mistoqsi jekk kompla jerfa’ idejh wara li waqghu mal-art l-imputat qal li le. L-imputat qal li qabel ma tahom daqqa kull wiehed dawn diga` kellhom demm ma’ wicchom minhabba d-daqqiet li qalghu mill-persuni tal-karozza s-sewda. Huwa qal li qatt ma kellu inkwiet mal-Pulziija qabel u li ser jaghlaq hames snin jahdem mar-Radisson.

Xehed ukoll **John Refalo** li qal li mar jigbor in-neputi tieghu, Matthew Castillo, biex imorru jdoqqu. Huwa ma jafx x’attivita`

kien hemm fil-lukanda ghax xoghlu kien li jmur jigbor in-neputi tieghu. Huma u hergin mill-parkegg tar-Radisson Hotel San Giljan sabu *pickup truck* blu li ma riedx johrog. Ix-xhud qal li huma bl-edukazzjoni kollha marru jghidulu: "*Tista' tohrog please*?" Huwa qal li anki offra biex ihallsilhom il-biljett. Qal li fil-*pickup* kien hemm tliet persuni. Meta raw li ma riedux johorgu b'xejn regghu dahlu fil-karozza, regghu hargu jistaqsuhom biex jersqu u xorta ma riedux anzi bdew jghajtu u jidghu u mbaghad rega' mar in-neputi tieghu biex ikellimhom u hargu t-tlieta li huma ghalih u hebbew ghalih: "*they assaulted my nephew*". Ix-xhud qal li n-neputi tieghu kellu "*jahdem self-defence*" peress li kellu tlieta fuqu. Ix-xhud qal li huwa ressaq lil Andrew Bartolo min-nofs peress li kellu z-zmien mentri t-tnejn l-ohra baqghu jaghtu lin-neputi tieghu mentri x-xhud qal li beda jipprova jikkalma s-sitwazzjoni. "*Imbaghad irnexxilna nikkalmaw kollox u f'daqqa wahdu marru fuq is-security u qadu jiggieldu mas-security, … it-tnejn li huma*." Ix-xhud qal li Bartolo marru jiggieldu mas-*security* meta s-*security* kienu qed jipprovaw jikkalmawhom. Ix-xhud qal ukoll li Luke u Alfred Bartolo taw daqqa ta' ponn lis-*security* li kien ma' Cedric Attard u dan waqt li Cedric Attard beda jipprova jikkontrolla s-sitwazzjoni. Qal ukoll li Luke u Alfred Bartolo xejru daqqa ta' ponn lil Cedric Attard ukoll izda l-imputat

kien "*naqra fast u evitah*". Qal li Cedric "*had to defend himself as well hu, dawn attakkawh fil-verita `".* Mistoqsi mill-Qorti x'ghamel l-imputat ix-xhud qal hekk: "*Mhux jiddefendi ruhu x'tridu jaghmel.*" Mistoqsi kif l-imputat iddefenda ruhu x-xhud qal: *"Mhux jilqa d-daqqiet ta' ponn u jaghti tnejn lura, xi trid taghmel.*" (fol. 101 tal-process).

Ix-xhud qal li kien mar l-ghassa minn jeddu. Huwa spjega li l-glieda waqfet ghaliex Luke u Alfred Bartolo spiccaw mal-art. Fuq insistenza tal-Prosekutur ix-xhud rega' qal li Bartolo ggieldu "*kontra s-security, is-security iddefendew ruhhom u spiccaw ma' l-art.*" Qal li ddefenda ruhu billi "*qala daqqiet u tad-daqqiet lura.*" Skont ix-xhud Luke u Alfred Bartolo kienu xurbana. Mistoqsi mill-Prosekutur x'ra lil Cedric jaghmel qal: "*Jaghti daqqiet lura biex jiddefendi ruhu ghax gie attakkat.*" Spjega li Cedric l-ewwel mar hdejhom biex jipprova jwaqqaf lil Luke u Alfred Bartolo milli jaghtu lis-*security* l-iehor, beda jzommhom u jipprova jikkalmahom izda Bartolo baqghu "*jghatu, kienu out of control*". Imbaghad Bartolo taw lil Cedric Attard "*daqqa ta' ponn, ma laqtuhx u tahom zewg daqqiet lura.*" Wara nizlu mal-art.

In kontro-ezami x-xhud qal li kien qed jistenna bil-pacenjza kollha fil-kju ghalkemm kellu x-xoghol. Qal li waqt li n-neputi tieghu kien mal-art, it-tlieta li huma bdew jaghtuh. Qal li malli Bartolo "*waqfu maghna imbaghad marru jaqbdu mas-security.*" Qal li ghalkemm Cedric Attard mar biex jiddefendi lis-*security* l-iehor, Bartolo "*just kept on punching.*" Huwa kkonferma li malli Bartolo waqghu mal-art hadd ma messhom u di fatti Cedric Attard ma regax messhom jew ghamillhom xi haga.

Xehdet **Dorianne Formosa** li qalet li fil-15 ta' Marzu 2014 kienet *night manager* gewwa r-Radisson San Giljan. Hija giet mitluba mis-*security* Joseph Darmanin tohrog barra fil-parkegg peress li kien hemm xi hadd li ma riedx ihallas. Meta harget qalet li rat xi hadd johrog mill-vann li beda jkellem mal-persuna tal-karozza ta' wara u f'hin minnhom qabdu jiggieldu. Dak il-hin dahlet gewwa fil-lukanda biex iccempel lill-Pulizija u x'hin regghet harget sabet persuna mal-art ferut li hija indikat fl-awla bhala Alfred Bartolo. Wara kitbet rapport intern lil *general manager*. Qalet ukoll li meta harget sabet lis-*security officers*, Joseph u Cedric, bil-flokk imqatta'.

In kontro-ezami x-xhud qalet li din kienet l-ewwel darba li xi hadd li ma riedx ihallas baqa' jimblokka t-traffiku ghal tul ta' hin. Qalet ukoll li kienu tliet persuni li kienu qed jimblokkaw it-traffiku bil-*pick up van*. Ikkonfermat illi lil Cedric Attard tafu u dakinhar huwa kien *security duty* ma' Darmanin. Hija kkonfermat ukoll illi fiz-zmien kollu li l-imputat ilu jahdem gol-lukanda dan kien l-ewwel incident li huwa kellu. Hija qalet li l-imputat dakinhar kien bl-uniformi ta' *security guard* u kkonfermat li hija rat lil Cedric Attard jipprova jispjegalhom bil-kelma t-tajba li dawn kellhom ihallsu.

Riprodotta in kontro-ezami x-xhud qalet li ma jkollhiex *monitor* quddiemha bhala *duty manager*. Hija gharfet lis-Sinjuri Bartolo fl-awla u kkonfermat li kienu l-avveniment fil-lukanda dakinhar inkwistoni fejn wara kienu qed jimblokkaw l-*exit* tal-parkegg stante li l-istess Sinjuri Bartolo ma riedux ihallsu. Hija kkonfermat li kienu s-Sinjuri Bartolo biss li rrifjutaw li jhallsu ghall-parkegg. Qalet li minhabba fihom gie krejat paniku kbir u s-*security* (Joseph Darmanin) cemplilha sabiex tohrog fil-parkegg u hekk ghamlet. X'hin harget qalet li rat kommozzjoni kbira fejn in-nies li kienu fil-vann marru jkellmu lil tnejn l-ohra li kienu fil-karozza u bdew jillitikaw bejniethom. Waqt dan kollu qalet li Cedric Attard

kien mal-genb tal-*barrier* tal-parkegg. F'hin minnhom Bartolo u t-tnejn min-nies l-ohra bdew jghollu lehinhom u jimbuttaw lil xulxin minn sidirhom u meta raw hekk is-*security officers* Joseph u Cedric bdew jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni billi jferquhom. Minkejja dan Bartolo xorta komplew jimbuttaw lil xulxin. Ix-xhud qalet li kif rat hekk marret tigri r-*reception* biex iccempel lill-Pulzija. X'hin regghet marret barra qalet li sabet lis-*security officers* Joseph u Cedric bil-flokk imqatta' u x'hin baqghet miexja iktar rat ragel mal-art bid-demm hiereg minn rasu li hija gharfet bhala Alfred Bartolo. Dak il-hin iz-zewg irgiel li kienu qed jillitikaw ma' Bartolo ma rathomx u l-karozza ta' Bartolo meta regghet harget ma kinitx ghadha timblokka u l-karozzi kienu hergin minn gol-parkegg. Hija qalet li ma staqsitx lis-*security officers* x'gara u x'hin rat il-persuna mal-art cemplet ghall-ambulanza. Fuq domanda tad-difiza kemm damet gewwa meta marret biex iccempel lill-Pulizija x-xhud tghid li damet ftit sekondi, kemm cemplet u regghet harget. Hija kkonfermat li meta regghet harget fil-parkegg iz-zewgt irgiel l-ohra kienu telqu u lanqas il-karozza taghhom ma kienet hemm. Qalet ukoll li minn *event* ta' cirka tmien mitt (800) ruh l-unici persuni li waqfu l-kju u li ma riedux ihallsu ghall-parkegg kienu s-Sinjuri Bartolo.

In ri-ezami x-xhud qalet li meta harget fil-parkegg ma rat lil hadd jitkellem mas-*security officers*. Hija qalet li kienet giet infurmata minn Joseph Darmanin li s-Sinjuri Bartolo ma riedux ihallsu ghall-parkegg pero` ma ccekkjatx ir-raguni ghalfejn ma riedux ihallsu. Hija qalet li meta waslu l-Pulizija kien hemm hija, is-*security officers* u s-Sinjuri Barolo fejn is-Sur Bartolo kien ghadu mal-art. Hija qalet ukoll li ma tafx min ressaq il-vann min-nofs.

Xehed **Matthew Castillo** li qal li kien qed jghin lil missieru f'attivita` politika meta sarlu l-hin biex imur idoqq ma' zijuh li fil-fatt kien gie ghalih. Huma u hergin kien hemm trakk quddiemhom li ma riedx jersaq. Wara hames minuti x-xhud qal li dawn tat-trakk bdew jghidu kliem konsistenti f'dagha u bdew iwadbu l-biljetti. Zijuh mar jara mas-*security* x'gara u x'hin qallu li tat-trakk ma riedux ihallsu ghall-biljett zijuh offra li jhallas il-biljett hu. Kompla jghid li wara xi hmistax-il minuta hareg hu fejn beda jghid lil tat-trakk biex imorru ghaliex ghandu x-xoghol u "*imbaghad imbotta l-bieb u hargu ghalija*." Huwa identifika t-tliet parte civile bhala l-persuni li hargu ghalih. Qal li waqt li zijuh mar fuq ix-xih biex jipprova jikkalma s-sitwazzjoni, dak il-hin bdew ituh Luke u Alfred Bartolo. Meta waqfu jiggieldu mieghu u waqaf

kollox ix-xhud qal li Bartolo "*marru fuq is-security guard u qabdu jiggieldu mas-secuirty guard.*" Skont ix-xhud it-tliet persuni marru fuq Cedric Attard u kienu qed jghajjtu mieghu, imbaghad qabdu jaghtuh u qabdu jiggieldu bejniethom. Huwa qal li Bartolo kienu fis-sakra u dan ikkonkludih mill-komportament taghhom, mill-fatt li kienu qed jghajjtu meta hargu mill-bieb u mill-fatt li l-attivita` kienet *open bar*. Huwa qal li kien hemm distanza ta' xi ghaxar metri minn fejn kien ghal fejn kien Cedric. Huwa qal li ma rax il-glieda taghhom imma ra li kien waqa' mal-art. Qal li huwa dahal fil-karozza u zijuh ressaq il-vann ta' Bartolo u telqu 'l hemm. Huwa qal li kien xorob qabel ma gara l-incident. Qal ukoll li qabel ma hareg biex ikellem lin-nies tal-*pickup* dawn kienu qed jghajtu u jidghu mas-*security guards* mentri s-*security guard* "*kien qed ikellimhom bil-pulit.*" Ix-xhud ra lil Bartolo wkoll iwaddab il-biljett f'wicc is-*security*. Ix-xhud qal li meta mar ikellem lin-nies tal-vann huwa kien irrabjat izda qal li jaf jikkontrolla lilu nnifsu. Huwa qal li ma jafx kif Alfred Bartolo spicca mal-art ghaliex il-glieda taghhom kienet waqfet u kien mohhu biex imur idoqq.

Xehed l-espert **Dr. Martin Bajada** fejn kien gie nominat biex janalizza s-CCTV *footage*. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li

giet mmarkata bhala Dok. MB1 a fol. 130 et seq. Fir-relazzjoni l-espert jghid li anness mar-rapport tieghu hemm Dok. MB1 li jikkonsisti fis-*CCTV footage* relevanti ghall-incident li sehh gewwa l-lukanda Radisson SAS bejn il-lejl tal-15 u s-16 ta' Marzu 2014 u anki Dok. MB2 li jikkonsisti f'tlettax-il *stills* li hargu mill-istess *footage*.

Xehed **Dr. Mario Scerri** li qal li fis-16 ta' Marzu 2014 ezamina lil Alfred u Luke Bartolo gewwa l-Isptar Mater Dei fejn qal li Alfred Bartolo kellu lacerazzjonijiet kompatibbli ma' *blunt trauma* li jixbhu daqqiet ta' ponn. Qal li Alfred Bartolo ghandu lacerazzjonijiet li jistghu jibqghu marki permanenti. Dawn il-fratturi huma ta' natura gravi *per durata*. Ix-xhud qal li Luke Bartolo kellu abrazjonijiet ta' natura hafifa. L-espert esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. MS1 a fol. 151 et seq.

Xehed **PS 122 Arthur Borg** li qal li fis-16 ta' Marzu 2014 gie nominat bhala *scene of crime officer* fejn l-ewwel kien mar l-Isptar Mater Dei fejn eleva l-hwejjeg ta' Alfred Bartolo u wara mar fil-parkegg tar-Radisson fejn hemmhekk eleva *blood swab* u *control swab*. Qal li huwa ghadda kollox lil Dr. Marisa Cassar. In kontro-ezami x-xhud qal li meta kien mar fuq is-*scene of crime*

kien hemm l-Ispettur Daryl Borg li kien indikalu fejn kien hemm roqgha zghira bi dmija ezatt quddiem il-*barrier*. Huwa qal li ha ritratt minn fejn gabar is-*swabs*. Ir-rapport tieghu li jinsab a fol. 184 et seq gie immarkat bhala Dok. AB1.

Xehed ukoll **PS 385 Emanuel Dalli** li qal li gie nominat bhala *scene of crime photographer* fejn qal li huwa mar fuq il-post (fil-parkegg tar-Radisson) u anki l-Isptar u dan fis-16 ta' Marzu 2014. Huwa pprezenta rapport (Dok. ED1 a fol. 192 et seq.) li jikkonsisti f'tnejn u tletin (32) ritratt.

Xehdet **Dr. Marisa Cassar** li pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok. MC1 (a fol. 219 et seq.) fejn hija kkonkludiet li mill-kampjuni u mis-*swabs* li ttiehdu mill-kampjuni, fejn dawn kienu pozittivi ghad-demm, hareg profil genetiku tal-istess ragel.

Xehed **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn qal li l-vettura Toyota Hylux (DAU 551) ta' kulur blu huwa registrat fuq Alfred Bartolo. F'dan ir-rigward ix-xhud esebixxa Dok. SC1 a fol. 229 tal-process.

Xehed **Luke Bartolo** li qal li malli waslu mal-*gate* s-*security* tahom biljett fejn qalilhom li dak kien biex johorgu bih. Huwa qal li kulma xorbu kienu *soft drinks*. Meta gew biex johorgu mill-*barrier* qal li missieru kien ipprezenta *business card* bi zball minflok il-biljett fejn Cedric Attard qal lil missieru biex imur ihallas u tefa' l-biljett lura gol-vann. Qal li missieru mbaghad hareg il-biljett tal-*parking* fejn Cedric Attard "*baqa' jghajjat: Morru hallsu, morru hallsu.*" Qal li missieru spjegalu li l-biljett kien tahielu s-*security* l-iehor izda l-imputat baqa' jinsisti li jridu jmorru jhallsu. Huwa qal li l-imputat kien irrabjat mentri missieru kien qed jipprova jfehmu li dak kien l-istess biljett li tah is-*security* l-iehor. Kompla jghid li Cedric baqa' jirrabja u sabbat mas-saqaf tal-vettura fejn imbaghad missieru nizel mill-vettura biex jipprova jikkalma lill-imputat fejn "*hekk kif nizel ezatt fl-istess waqt nzilt warajh, missieri qala' daqqa ta' ponn minghand is-security. .. Minghand Cedric u jien naqla' daqqa ohra min ghand is-security l-iehor.*" Qal li bid-daqqa ra lil missieru jinzel mal-art u sekonda wara x-xhud qala' daqqa minghand is-*security* l-iehor fejn storda u mar mal-art. Wara jghid li zijuh hadu hdejn missieru li kien f'ghadira demm. Huwa jghid li dan kollu forsi dam tliet minuti. Huwa qal li wara skopra li kien hemm problema bil-biljetti fejn qal li huma spiccaw il-vittmi tal-

organizzazzjoni. Huwa qal li missieru ma kienx qed jiccaqlaq fil-fatt haseb li kien miet. Beda jghajjat ghall-ajjut u wara giet l-ambulanza. Huwa qal ukoll li ma jafx jekk kien hemm xi hadd li ccaqlaq il-vann.

In kontro-ezami x-xhud qal li ma kienx rah il-filmat tal-incident. Qal ukoll li dak il-hin in-nies li bdew ipaqpu lil missieru ma semghahomx u missieru meta s-*security* qallu biex imur ihallas qal li ma marx ihallas. Ix-xhud baqa' jghid li ma kinux ghoxrin minuta izda tliet minuti b'kollox u mistoqsi mid-difiza jekk gewx nies mill-karozza ta' warajhom jitkellmu ma' missieru qal: "*Jista' jkun kien hemm*." Mistoqsi jekk hu u missieru ggieldux ma' nies ta' karozza ohra qal: "*Mas-security kellna x'naqsmu ahna*." Fuq suggeriment tad-difiza li hu u missieru kellhom glieda ma' passiggiera ohra qal: "*Ma nafx biha le*." Ix-xhud rega' sostna li l-filmat ma rahx u hu fuq dak li jaf hu xehed. Fuq domanda tad-difiza jekk sofra minn amnesija bid-daqqa ta' ponn qal li "*jista' jkun*".

Regghet xehdet **Dorianne Formosa** li esebiet rapport intern imhejji minnha dakinhar tal-incident li gie mmarkat bhala Dok. DF1 (a fol. 109 tal-process). Hija qalet li dak kollu li hemm

miktub fir-rapport intern huwa dak li rat hija matul il-lejl in kwistjoni u hemm ftit minnu huwa dak li qalulha shabha. Il-parti li rat hija tibda mill-kliem "*at around 23:45 hours*". Ta' qabel huwa l-*feedback* li hija hadet minghand il-kollegi taghha. F'dan ir-rapport Dorianne Formosa tghid is-segwenti: "*At around 23:45 hrs I was called by security to contact the police. This was the time when the majority of the attendees were leaving. I went on site near the exit barrier. A van was just near the exit barrier, security explained to the people that they had to pay for parking and they refused to pay or to move the van. There was a long queue of cars. 2 persons who were in the car behind started a fight. The 3 persons in the van were intoxicated. Security attempted to control the situation. At this point I contacted 112 but I had no connection on my mobile, so I ran in the reception where I managed to call. As soon as I went out again, I found our security with their sweaters torn and a middle-aged man on the floor with blood just before going down the underground car park. I contacted the ambulance and so did other people who were on site. A relative of the person, who was intoxicated was screaming and shouting. I contacted Aaron where he informed Mr. Attard and Etienne about the situation. The Police arrived followed by the ambulance who assisted the injured person. … At*

*around 3am the police came over and asked Cedric for more details about the accident. Joe had left by this time and so couldn't speak to him. Cedric informed the officer that he had pain in his leg and he was told to go to the health centre in the morning and hand over to them a certificate. They suggested that Joe will go to the health centre too and it seems that he had some pain. The police were not allowed to give me the name of the person who was injured. Police invesitgation is underway."*

Xehed ukoll **Dr. Carlo Refalo** li kkonferma c-certifikat mahrug minnu a fol. 18 tal-process. Huwa qal li kien ra lil Alfred Bartolo fl-emergenza fis-16 ta' Marzu 2014 fejn ra li kellu tbengila fil-mohh u anki demm fil-mohh u kif ukoll ksur madwar l-ghajn. Qal li kien qed isofri minn griehi gravi u minhabba t-tbengila dak il-hin ghamlu wkoll "*in danger of loss of life*". Wara rrefera lil Alfred Bartolo n-*neurosurgery* u ma rahx iktar.

Xehed ukoll **Dr. Anthony Zrinzo** li pprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. AZ1 (a fol. 288). Ix-xhud qal li l-griehi huma kompatibbli ma' *blunt trauma* u cioe` ma' mpatt. Huwa qal li kien hemm *damage* fil-mohh fis-sens li kien hemm "*a bruise in the brain*" pero` dan ma jfissirx li affetwa l-*mental functions* tieghu u

lanqas milli jkompli fix-xoghol tieghu ordinarju. Fir-rapport imhejji mix-xhud gie konkluz li Alfred Bartolo sofra griehi ta' natura gravi fejn ghandu dizabilita` permanenti ta' 3%.

Rega' xehed l-**Ispettur Saviour Baldacchino** li esebixxa sentenza ghad-debitu tar-recediva liema sentenza giet immarkata bhala Dok. SBX. F'din is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni fit-23 ta' Settembru 2004 l-imputat gie kkundannat ghall-multa ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Xehed l-imputat **Cedric Attard** li qal li huwa *head of security* ma' Radisson San Giljan. Dakinhar tal-incident qal li kien *security officer*. Huwa qal li minn dakinhar ha tliet *promotions*. Huwa spjega li fid-data inkwistjoni kien hemm *political event* u allura kien hemm hafna nies fejn hu u l-kollega tieghu, Joe Darmanin, hadu hsieb il-parkegg. Spjega li meta waslu n-nies tawhom biljett u qalulhom li wara riedu jhallsuh u bl-istess biljett ikunu jistghu johorgu. Qal li huma u hergin kien hemm nies li ma kinux hallsu pero` spjegawlhom x'ghandhom jaghmlu u kkoperaw u marru jhallsu. F'hin minnhom gie vann *pick up* Toyota celesti fejn kien hemm tliet irgiel. L-imputat gharaf lil Alfred Bartolo bhala l-persuna li kien ix-xufier. Kien hemm ukoll anzjan li kien

passiggier quddiem u iehor tampar l-imputat bilqeghda fuq wara. L-imputat qal li Alfred Bartolo tah il-*business card* ta' Ray Bugeja minflok il-biljett fejn fehmu "*bl-edukazzjoni kollha*" li ghandu bzonn il-biljett u pogga l-*business card* fuq id-*dashboard*. Meta Bartolo sab il-biljett dan kien qed jimmarka '*return to pay station*' li fisser li ma hallasx u ghalhekk l-imputat spjegalu "*bl-edukazzjoni kollha*" li jrid ihallas il-biljett "*u f'sekonda wahda spolda*." Skont l-imputat: "*Kellu riha kbira ta' alkohol f'halqu, kif beda jitkellem u qalli "jiena minix se nhallas*." L-imputat qal li beda jfiehmu li ghalkemm l-*event* kien b'xejn il-parkegg ma kienx b'xejn. Anki Joseph Darmanin beda jipprova jfiehmu imma ghal xejn u sadanittant beda jingema' hafna traffiku. Kien hemm min beda jdoqq il-*horn* u kien hemm min anki gie ma' genbhom biex jara x'inhu jigri pero` Alfred Bartolo b'xejn ma ried imur ihallas. Qal li Alfred Bartolo beda joffendi b'kliem baxx il-lukanda, beda joffendi lill-imputat u anki l-kollega tieghu u anki beda jidghi. Dan dam bejn wiehed u iehor xi kwarta. L-imputat spjega li kien hemm hafna karozzi fil-kju ghax kulhadd beda hiereg f'salt u Alfred Bartolo ma riedx jigbed mal-genb. Spjega li mbaghad hargu zewgt irgiel minn karozza sewda li kienet wara l-*pickup* liema rgiel l-imputat qal li rahom waqt dawn il-proceduri kunjomhom Refalo u Castillo. Castillo mar ikellem lix-xufier tal-

*pickup* fejn qallu biex isuq ghax ghandu x-xoghol pero` Bartolo qallu li mhux ser isuq. Meta ra hekk l-imputat qal li ddecieda li jcempel lill-Pulizija b'hekk ghajjat lid-*duty manager* u hi cemplet lill-Pulizija. Qal li Castillo rega' telaq lejn il-karozza tieghu, rega' gie hdejn il-*pickup* u offra li jaghtih il-biljett u jmur ihallasulu hu: *"Tini l-biljett u nhallasulek jien minn buti.. ghax jien ma nistax noqghod nistenniek."* Pero Alfred Bartolo qallu "*Le. Jien nistenna lill-Pulizija. Thallasli xejn ghax jien hawnhekk se nibqa.*" L-imputat kompla jghid li f'hin minnhom Alfred Bartolo qallu "*iftahli ghax ha nibda nkisser*" u di fatti beda jsuq il-quddiem u jieqaf ezatt mal-*barrier*.

L-imputat spjega illi lanqas kieku ried ma seta' jiftahlu l-*barrier* ghaliex ma kellux access peress li l-magna hija *subcontracted* u mhijiex tal-lukanda u allura l-*barrier* tinfetah biss jekk il-biljett ikun imhallas. Qal li beda jispjegalu bil-kelma t-tajba u bil-kalma kollha sabiex imur mal-genb u jidhol ihallas. Qal li rega' gie Castillo hdejn il-*pickup* u qal lil Alfred Bartolo biex isuq ghax kien mghaggel fejn Bartolo irrisponda hekk: *"Jien mhux ha nsuq. Anqas jekk jinzel Alla.*" Dak il-hin Castillo dahhal idejh mat-tieqa u mbotta lil Bartolo minn wiccu u kif imbuttah it-tliet irgiel tal-*pickup* hargu mill-vann u bdew jiggieldu maz-zewg persuni tal-

karozza s-sewda. Bdew jiggieldu bl-idejn, bil-ponn u anki bis-sieq. Alfred Bartolo waqa' darbtejn u l-imputat qal li huwa spicca gabru mill-art darbtejn u tah in-nuccali minn mal-art. Hu u l-kollega tieghu bdew izommuhom biex ma jkomplux jiggieldu. Alfred Bartolo u Luke Bartolo spiccaw it-tnejn mal-art fejn anki qalghu xuttijiet bis-sieq minghand Refalo u Castillo. L-imputat qal li hu u Joe Darmanin gabruhom mill-art u f'hin minnhom l-imputat qabad lil Castillo u Refalo u ressaqhom ftit passi lura u talabhom biex ma jergghux imorru jiggieldu. L-imputat qal li dak il-hin hares lejn il-kollega tieghu biex jara jekk kienx irnexxielu jaghmel bhalu u jikkalma lil Bartolo izda minflok sab lil Alfred u Luke Bartolo jzommu lil Darmanin u jtuh: "*fost hafna daqqiet niftakar li habtet wahda m'ghonqu u faqqhet u wahda ma' wiccu u faqqghet.*" Qal li kif ra hekk mar jghin lill-kollega tieghu biex ma jkomplix jissawwat. Kif mar u qal lil Bartolo biex jieqfu dawn spiccaw attakkaw lilu fejn Luke Bartolo "*xejjer daqqa ta' ponn, jiena skapulajtha u tajtu wahda jien u waqa' ma' l-art. Ix-xufier kif ra hekk gie ghalija ukoll. L-istess xejjer daqqa ta' ponn, skapulajtha, tajtu daqqa ta' ponn u waqa' ma' l-art. Dan kollox sekondi zghar u waqaf, waqaf kollox hemmhekk, jigifieri, baqghu mal-art.*" Kif ra hekk cempel lid-*duty manager* biex tghajjat ambulanza. Wiehed mill-irgiel l-ohra dahal fil-vann ta' Bartolo u

nehhih min-nofs u b'hekk il-karozzi komplew hergin u ftit wara waslet l-ambulanza. Mistoqsi ghalfejn ma komplix itihom daqqiet qal hekk; "*Jiena l-hsieb tieghi ma kienx li nweggahom. Il-hsieb tieghi kien li nwaqghahom, biex inwaqqafhom u biex nipprotegi lili nnifsi u lill-kollega tieghi. Jigifieri dan instinct. Dan hargu idejhom huma u hrigt idejja jien. .. ma ridt inwegga lil hadd.*"

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)**:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372*** fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi biex il-Qorti tasal biex tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni hija trid tezamina l-assjem kollu tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Fil-kaz in ezami l-Ufficcjal Prosekutur ressaq diversi xhieda fosthom il-parte civile Alfred Bartolo u Luke Bartolo, kif ukoll Andrew Bartolo, Joseph Darmanin, Dorianne Formosa, Matthew Castillo u John Refalo liema xhieda kienu kollha prezenti dakinhar tal-incident inkwistjoni.

Illi meta wiehed jezamina x-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jistax ma jinnutax il-kunflitt qawwi fil-verzjonijiet moghtija. Min-naha wahda hemm il-verzjoni ta' Joseph Darmanin, Dorianne Formosa, Matthew Castillo u John

Refalo li huma ferm simili u li huma kompatibbli kemm mas-*CCTV footage* u anki mal-istqarrija u x-xhieda tal-imputat. Min-naha l-ohra hemm il-verzjoni ta' Alfred, Luke u Andrew Bartolo li huma kompletament differenti fejn huma jghidu li l-argument kien mas-*security guards* u ma kien hemm hadd iktar involut. Alfred Bartolo meta gie mistoqsi jekk kellux argument ma' nies ohra dakinhar qal li sa fejn jaf hu le. Luke Bartolo baqa' jsostni li huma kellhom x'jaqsmu biss mas-*security guards* pero` meta gie mistoqsi jekk xi hadd mill-karozza ta' warajhom marru jitkellmu ma' missieru qal li jista' jkun kien hemm u meta gie mistoqsi jekk sofriex minn amnesija bid-daqqa ta' ponn qal li jista' jkun ukoll. Minkejja dan Andrew Bartolo meta gie mistoqsi jekk kienx hemm persuni ohra apparti Alfred Bartolo, Luke Bartolo u s-*security guards* qal li **hekk jahseb**. Il-Qorti ghalhekk tinnota li lanqas is-Sinjuri Bartolo bejniethom ma qablu fil-verzjonijiet taghhom.

Illi apparti minn hekk il-Qorti ma tqisx lil Alfred, Luke u Andrew Bartolo kredibbli meta jghidu li huma hargu biex jikkalmaw lill-imputat u qalghu daqqiet ta' ponn ghal xejn b'xejn. Ghall-kuntrarju x-xhieda tal-imputat hija aktar fidili lejn il-*course of events* kif jirrizultaw mill-atti processwali. Di fatti l-Prosekuzzjoni ghandhom biss ix-xhieda ta' Alfred u Luke Bartolo li jistghu b'xi

mod jinkriminaw lill-imputat mentri x-xhieda l-ohra kollha prodotti mill-Ufficjal Prosekutur qablu mal-verzjoni tal-imputat. Jinghad ukoll li l-verzjoni li ta l-imputat *a tempo vergine* tikkombacja mal-verzjoni li huwa ta quddiem din il-Qorti.

Jinghad illi l-uniku xhud (Andrew Bartolo) prodott mill-Prosekuzzjoni li donnu ma ppartecipax fil-glieda *per se* u li baqa' hemm il-hin kollu u li ghalhekk seta' kien xhud okulari importanti, spicca ma ra xejn mill-parti l-aktar importanti tal-glieda ghaliex skont hu kien b'daru lejhom.

Illi ghalhekk jezisti dubju serju fil-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni tista', kif fil-fatt ghamlet, targumenta li l-imputat stqarr huwa stess li huwa ta daqqa ta' ponn wahda lil Alfred u daqqa ta' ponn wahda lil Luke Bartolo. Minkejja dan tispetta lill-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni u ma tistax tistrieh fuq l-istqarrija tal-imputat. Fil-kaz odjern l-evidenza migjuba mill-Prosekuzzjoni ma tilhaqx il-grad rikjest mil-Ligi u dan ghaliex ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni lanqas biss jikkombacju ma' xulxin fejn johrog car daqs il-kristall li x-xhieda ta' Alfred, Luke

u Andrew Bartolo jikkonfliggu max-xhieda l-ohra kollha prodotti mill-istess Prosekuzzjoni.

Il-gurisprudenza nostrana tghid illi l-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux *a priori* jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma*

*temminx' (ara wkoll Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 t' Ottubru 2006)."*

F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva illi l-istess Alfred, Andrew u Luke Bartolo mhumiex kredibbli fil-verzjonijiet taghhom stante li huma evazivi fix-xhieda taghhom u sa anki bejniethom jikkontradixxu lil xulxin. Illi ghalhekk il-Qorti tqis li ma tistax temmen il-verzjoni tal-parte civile b'tali mod li ma jkollha l-ebda dubju li dak li qed jghidu huwa dak li verament gara fil-parkegg tar-Radisson fid-data inkriminata.

Apparti minn hekk il-Qorti tinnota li Luke Bartolo fix-xhieda tieghu qal illi l-imputat ta daqqa ta' ponn lil missieru mentri huwa qala' daqqa ta' ponn minghand "*is-security l-iehor*". Luke Bartolo jirrepeti din il-haga u ghalhekk johrog ampjament car illi huwa safa' ferut mhux minhabba l-imputat izda ghaliex qala' daqqa ta' ponn minghand il-kollega tal-imputat u ghaldaqstant l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tat-tieni (2) akkuza.

Illi anki jekk *semmai* din il-Qorti ghandha temmen il-verzjoni ta' Alfred Bartolo ai finijiet tal-ewwel akkuza, hija ser tezamina dak li xehed l-imputat sabiex tistabilixxi jekk tistax tirrizulta htija o

meno. Hawnhekk il-Qorti tinnota dak li qal l-imputat u cioe`: "*xejjer [jirreferi ghal Luke Bartolo] daqqa ta' ponn, jiena skapulajtha u tajtu wahda jien u waqa' ma' l-art. Ix-xufier kif ra hekk gie ghalija ukoll. L-istess xejjer daqqa ta' ponn, skapulajtha, tajtu daqqa ta' ponn u waqa' ma' l-art.*" … "*Jiena l-hsieb tieghi ma kienx li nweggahom. Il-hsieb tieghi kien li nwaqghahom, biex inwaqqafhom u biex nipprotegi lili nnifsi u lill-kollega tieghi. Jigifieri dan instinct. Dan hargu idejhom huma u hrigt idejja jien. .. ma ridt inwegga lil hadd.*"

Hawnhekk ghalhekk tidhol il-kwistjoni tal-legittima difeza. Fis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 1997 (n. 8999) La Corte di Cassazione Sezione Penale irriteniet illi:

"*I presupposti essenziali della difesa legittima sono costituiti da un'aggressione inguista e da una reazione legittima; mentre la prima deve concretarsi in un pericolo attuale di un'offesa che, so non neutralizzata tempestivamente, sfocia nella lesione del diritto, la seconda deve inerire alla necessita` di difendersi, alla inevitabilita` del pericolo, ed alla proporzione tra difesa e offesa.*"[1]

[1] Codice Penale e delle Leggi penali speciali – Roberto Garofoli 2012

L-istess Corte di Cassazione f'sentenza tal-11 ta' Mejju 2010 (n. 26172) irriteniet illi "*l'assenza dei presupposti delle scriminante della legittima difesa, in specie del bisogno di rimuovere il pericolo di un'aggressione mediante una reazione proporzionata e adeguata, impedisce di ravvisare l'eccesso colposo, che si caratterizza per l'erronea valutazione di detto pericolo e della adeguatezza dei mezzi usati.*"[2]

Gie ritenut ukoll illi: "*Chi e ` reiteratamente aggredito di regola reagisce come puo `, secondo la concitazione del momento, e non e ` tenuto a calibrare l'intensita ` della reazione, finalizzata ad indurre la cessazione della avversa condotta lesiva, salva l'ipotesi di eventuale manifesta sproporzione*" – sentenza tas-27 ta' Gunju 2011 (n. 25608).[3]

Illi din il-Qorti tirritjeni l-verzjoni tal-imputat bhala wahda fattwali u veritiera fl-ewwel lok ghaliex kienet dejjem l-istess verzjoni identika mill-bidu sa issa u anke mill-verzjoni tal-parte civile din il-Qorti thoss li kien hemm xi bicciet li hu ma kienx komdu li jghid. Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-elementi ta' legittima difeza jidhlu perfettament f'dan l-incident u f'dan ir-

[2] ibid
[3] ibid

rigward taqbel perfettament mas-sottomissjonijiet li saru minn naha tad-difiza f'dan ir-rigward.

Illi ghalkemm forsi bil-gest tieghu l-imputat ikkaguna xi griehi lill-parte civile dan ghamlu ghaliex kien qed jigi mhedded fizikament permezz tal-agir tal-parte civile li kien qieghed ifajjar daqqiet ta' ponn fil-konfront tieghu u b'hekk l-unika azzjoni plawzibbli li ghamel hi li ta daqqa ta' ponn wahda lill-parte civile sabiex dan jieqaf. Minn hemhekk Alfred Bartolo waqa' fl-art u kollox waqaf hemm. Li kieku l-imputat kompla jaghtih hemmhekk din id-difiza ma kinitx tista' tigi invokata. Il-Qorti tirritjeni wkoll li fil-kaz odjern ma hemm l-ebda *eccesso colposo* stante li l-imputat uza l-istess mezzi li uza l-parte civile fil-konfront tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Cedric Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

____________________________________

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**